

V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9078 — Ivanhoe Cambridge/PSPIB/VGMV LP JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 286/03)

- Fl-1 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Ivanhoe Cambridge (“Ivanhoe”), li tappartjeni għall-manager Kanadiż tal-pensionijiet, Caisse de dépôt et placement du Québec (il-Kanada),
- Public Sector Pension Investment Board (“PSPIB”, il-Kanada),

Ivanhoe u PSPIB jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriżja konguña (joint venture, JV) li għadha kif inħolqot li se tkun attiva f'servizzi ta' proprjetà immobblī f'San Francisco u ż-żona usa' ta' San Francisco Bay (l-Istati Uniti tal-Amerika).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdidha li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Ivanhoe: investimenti dinjija fil-proprjetà immobblī,
- PSPIB: ġestjoni ta' portafoll dinji u ddiversifikat magħmul minn investimenti fi swieq finanzjarji pubbliċi, ekwidità privata, proprjetà immobblī, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat,

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja tigħi dejjem speċifikata:

M.9078 — Ivanhoe Cambridge/PSPIB/VGMV LP JV

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
